# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 10 ta' Dicembru 2015

Rikors Guramentat Nru. 55 / 15RGM

Kawza fil-lista: 14

**A B**
**vs**
**L-Avukat Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fis-17 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fil-Phoenicia Hotel, il-Furjana, Malta;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied;

3. Illi l-hajja konjugali saret impossibbli minhabba nuqqas ta' kompatibbilta' fil-karattru, tant li sar difficli ghal partijiet sabiex jghixu flimkien, u l-hajja mizzewga tal-partijiet tkissret irrevokabilment;

4. Illi inoltre l-esponenti giet infurmata illi l-intimat jinsab assenti minn dawn il-gzejjer;

5. Illi l-partijiet ottjenew l-awtorizzazzjoni mehtiega mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali, u dana skont digriet numru 229/15 moghti minn dik 1-Onor. Qorti;

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba n-nuqqas ta' kompatibbilta' bir-rizultat illi saret difficli ghal-partijiet sabiex jghix flimkien;

2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, in toto jew in parte;

3. Titlob illi r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Gravino;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-beni in komuni bejniethom okkorrendo b'opera ta' perit nominandi, u billi jkun nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Illi kull parti tigi assenjata dawk l-assi li jmiss lilha;

6. Titlob illi s-sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku;

7. Illi jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D B fl-atti tal-kawza u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti, u dan taht dawk il-provvedimenti li din 1-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li taqra kif gej:-

1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmi C D B minnhom rappresentat. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-imsemmi C D B sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

2. Dwar ir-raba' u l-hames talba, l-attrici ghandha tipprovdi valutazzjoni u/jew rendikont tal-assi formanti parti rnill-komunjoni tal-akkwisti u, f’kaz li din il-Qorti tordna li l-assi jigu assenjati lill-attrici, l-istess attrici ghandha tiddepozita fir-registru tal-Qorti somma ekwivalenti ghal nofs il-valur dovut lill-esponenti in linea ta' divizjoni.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat in-nota guramentata tal-attrici pprezentata fis-26 ta’ Mejju 2015 li permezz taghha iddikjarat illi ma ghandha l-ebda pretensjoni ta’ manteniment fil-konfront

tal-konvenut. Iddikjarat ukoll illi ma hemm l-ebda proprjeta' li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

L-attrici pprezentat affidavit taghha bil-lingwa Ingliza li jaqra kif gej:-

1. *"That on the 4th of June of the year 2011, Mr B and mself celebrated our marriage in Malta, at the venue called Phoenicia Hotel, Floriana, Malta;*

2. *That we did not have any children from the said marriage;*

3. *That our married life became impossible; since we started cohabiting, our characters became incompatible to such an extent that it became difficult and impossible to continue living together under one and the same roof;*

4. *In the year 2012 our marriage deteriorated to the extent that we decided to stop living together;*

5. *That I had no option but to leave the matrimonial home which Mr B was renting in his own name;*

6. *That in the year 2013 and therefore 1 year after our marriage broke down completely and I left the matrimonial home, Mr B left the Maltese islands to start a new life in Canada;*

7. *That we never met again in Malta since he left and we never communicated in any manner again, until recently when I decided to institute proceedings for legal separation.*

8. *That since we have been separated de facto for more than two years, and our marriage has completely broken down to the extent that it is no longer possible to revive the relationship, I believe it would be in the interest of both of us to obtain legal separation.*

9. *That I confirm that there is no assets or property currently held in common whatsoever; Moreover, I am not claiming any property or other assets from Mr B, and to my knowledge, Mr B has no property or any other asset to claim from me."*

Waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015 Dottor Alessandro Lia ghan-nom tal-assenti informa lill-Qorti illi l-konvenut kien jaqbel mal-attrici illi ma kien hemm l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat;

Mill-provi tal-attrici mhux kontestati jirrizulta:

1. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied.

3. Illi hadd mill-partijiet ma qed jippretendi manteniment minghand il-parti l-ohra.

4. Illi ma hemm l-ebda assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

Ikkunsidrat;

Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 jipprovdi inter alia illi l-Qorti tista' tiddikjara s-separazzjoni personali jekk jirrizulta "….li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment" Tali talba tista' ssir biss wara li jkunu ghaddew aktar minn erba' snin miz-zwieg. Il-partijiet izzewgu fl-4 ta' Gunju 2011 u ghalhekk il-vot tal-ligi huwa sodisfatt f'dan ir-rigward. Mhux mehtieg ghalhekk ghall-pronunzjament tas-separazzjoni tal-partijiet li jirrizulta xi tort ta' xi parti jew ohra.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-kuraturi, tilqa' t-talbiet attrici;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba li l-hajja flimkien ma hiex ghadha aktar possibbli stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tichad it-tieni talba stante li ma jezistux l-estremi sabiex il-Qorti tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et seq tal-Kap. 16.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha "Gravino".

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet filwaqt li tichad it-talba ghal-likwidazzjoni tal-beni komuni stante li l-partijiet iddikjaraw li ma jezistux assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

5. Tichad il-hames talba.

6. Tilqa’ s-sitt talba.

Bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet b’dan illi l-ispejjez tal-kuraturi ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**